**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Simon Galea)**

**vs**

**Bartholomew Micallef ta' 26 sena, iben John**
**u Maria nee Laus, mwieled Pieta' fis-7 ta' Frar, 1974,**
**u joqghod 10, Casa Canca, Triq Gerolamo Gianni, San**
**Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru**
**110874 (M)**

**Illum 12 ta' Gunju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Bartholomew Micallef li gie akkuzat talli fil-Madliena fuq ir-rih ta' Bahar ic-Caghaq f'xi hin filghodu nhar it-Tnejn 17 ta' April, 2000 ikkommetta serq ta' xorok u travi ghad-dannu ta' Stephen Sammut mill-ghalqa tieghu li qeghda l-Madliena li jigi fuq ir-rih ta' Bahar ic-Caghaq u liema serq hu aggravat bil-valur globali tal-oggetti misruqa liema valur huwa ta' aktar minn mitt lira (Lm 100) Maltin izda inqas minn elf lira (Lm 1000) Maltin, bil-lok. U dan kollu bi ksur tal-artikoli 267, 269, u 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli f'dawn l-ahhar zminijiet f'dawn il-gzejjer xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat u cioe serq, u xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom. U dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fl-interrogatorju l-akkuzat wiegeb li hu ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji u li inoltre wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif dedotti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza taf zewg xhieda okulari dwar min allegatament ikkommetta s-serqa ta' xorok u travi propjeta' ta' Stephen Micallef, mill-propjeta' ta' l-istess Micallef.

Antoine Azzopardi xehed li hu ra lill-akkuzat b'van griz hiereg mill-propjeta' ta' Micallef u gol-kaxxa ta' l-istess van kellu zewg travi u xorok. Hu kien cert mill-identita' ta' persuna li ra ssuq dan il-van, tant li anke ffacca l-akkuzat b'din l-akkuza fil-prezenza tad-derubat.

L-istess akkuzat innega kemm fl-istqarrija, kif ukoll meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti, l-involviment tieghu f'dan il-kaz ghal darba tnejn tant li minn jeddu anke mar l-ghassa biex jiskolpa ruhu qabel ma biss gie akkuzat formalment.

In sostenn tad-Difiza tieghu, l-akkuza ressqet xhieda li ppruvaw li hu kien fuq il-lant tax-xoghol u li qatt ma allontana ruhu minn hemm dakinhar li allegatament gie kommess ir-reat.

Stranament pero', gie mbaghad prodott xhud mid-difiza, li ghar-raguni li sal-llum ghadha estranea ghall-Qorti, provda nformazzjoni li l-Prosekuzzjoni tidher li ghazlet tinjora. Emanuel Zammit xehed li hu f'gurnata waqt li kien qed jaghmel xoghol fl-inhawi tal-Madliena, kien ra ragel isuq van bil-kaxxa, pick up, li fih kien qed igorr xi xorok. Gharaf li dan il-bniedem bhala t-tifel tas-sensar. In kontroezami kien cert u kategoriku fuq dak li ra tant li wiegeb lill-Ufficjal Prosekutur b'dan il-mod:

"Jien qed nghidlek, rajtu ghaddej bil-van tul ta' ghaxar piedi minn tahti, imbaghad rajtu hiereg bil-van mghobbi bix-xorok."

Hawn kien qed jitkellem fuq din il-persuna identifikata bhala t-tifel tas-sensara min-Naxxar.

Aktar stramb il-fatt li b'dana kollu kien anke jaf l-istess derubat Stephen Micallef ghax qallu b'dan li ra l-istess Emanuel Zammit. Tant li l-istess derubat baghat lil dan it-tieni xhud okulari ghand il-pulizija b'din l-informazzjoni. Pero' ma qiesx id-derubat li kienet li kienet informazzjoni li kellu jghidilna minn jeddu ghax ghazel li jemmen li l-hati kien l-akkuzat ghax jemmen li l-verzjoni li qallu Antoine Azzopardi.

Jigi puntwalizzat ukoll li hemm sqaq jew trejqa wahda li taghti ghall propjeta' ta' Stephen Micallef u li taghti bixx ghal din il-propjeta'. Kemm Azzopardi kif ukoll Zammit xehdu li raw l-akkuzat u lit-tfal tas-sensar, rispettivament f'din it-triq.

Ikkonsidrat,

Illi dan huwa kaz klassiku fejn il-Qorti ma tistax ma tenfasizzax li r-rwol tal-Proskuzzjoni hu u jibqa' li jittellghu xhieda kemm kontra kif ukoll favur l-akkuzat bl-ghan li tinstab il-verita''uli ssir gustizzja. Illi in mankanza tax-xhud Emanuel Zammit, il-Qorti kienet tistrieh fuq ix-xhud okulari Antoine Azzopardi, ovvjament tenut kont tax-xhieda prodotta in difesa. Pero ix-xhieda ta' Emanuel Zammit tpoggi l-verzjoni ta' Azzopardi f'dawl iehor. Din ix-xhieda tikkrea dak id-dubju ferm ragonevoili a favur l-akkuzat li jibbasta biex huwa jigi liberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.